

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>Spejjeż**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [sk](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

**Spejjeż**

Slovakkja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ġustizzja fis-Slovakkja.

**Il-qafas regolatorju tad-drittijiet ġuridiċi**

It-taqsimha 1 (2) tal-Att Nru 586/2003 dwar il-professjoni legali u l-Att ta' emenda Nru 455/1991 dwar is-snaġġa' liċenzjati, kif emendat, jgħid hekk:

"Il-prattika tal-professjoni legali tisser ir-rappreżentazzjoni tal-klijenti quddiem qrati tal-ġustizzja, awtoritajiet tal-gvern u entitajiet oħrajn, id-difiża ta' individwi fi proċedimenti kriminali, konsulenza legali, kitba ta' strumenti dwar atti legali, twettiq ta' analiżijiet legali, amministrazzjoni tal-proprjetà tal-klijenti u forum oħrajn ta' pariri legali u assistenza, jekk ipprovduti b'mod kontinwu u bi hłas (minn hawn 'il quddiem se jissejġu 'servizzi legali')."

**Avukati (lawyers)**

Id-drittijiet tal-avukati huma rregolati mir-Regolament tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka (Nru. 655/2004 dwar id-drittijiet u l-kumpens tal-avukati għall-provvista ta' servizzi legali) - tista' ssib verżjoni bil-Ingliż fis-sit elettroniku tal-**Kamra tal-Avukati Slovakka**.

Id-drittijiet ta' avukat irid jiġi ddeterminat bi ftehim bejn l-avukat u l-klijent tiegħu (dritt kuntrattwali). Il-maġġoranza vasta tad-drittijiet kollha tal-avukati jiġu miftiehma fuq bażi kuntrattwali, sakemm il-liġi ma tippreskrivx drittijiet tariffarji. Jekk il-partijiet ma jirnexxielhomx jilhqqu ftehim dwar il-kwistjoni, biex ikun iddeterminat l-ammont tad-dritt jintużaw id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar ir-rati tariffarji (id-dekret ta' implimentazzjoni dwar id-drittijiet tal-avukati). Id-dritt tariffarju jiġi ddeterminat billi l-rata bażika tiġi mmultiplikata bin-numru tal-atti jew tas-servizzi legali li l-avukat ikun ipprova.

**Bailiffs**

Il-Bailiffs ma jeżistux fir-Repubblika Slovakka. Madanakollu, id-dmirijiet ta' eżekuzzjoni isiru minn uffiċjali tal-eżekuzzjoni taħt l-Att Nru. 233/1995 dwar l-uffiċjali tal-qorti u l-attivitajiet ta' distrett (the '**L-Att dwar il-Proċedura ta' Eżekuzzjoni**').

**Spejjeż fissi****Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili****Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili**

Il-kategoriji tad-drittijiet kollha huma stabbiliti fir-regolamenti rispettivi, u jiġu ddeterminati b'diversi modi:

**Id-drittijiet tal-Qorti** huma regolati mill-Att Nru 71/1992 dwar id-drittijiet tal-qorti u l-kopji tal-entrati fir-rekords kriminali, kif emendat ("L-Att dwar id-Drittijiet tal-Qorti"). L-ammont huwa fiss, jew fuq il-bażi ta' perċentwali jew taħlita tat-tnejn (jiddependi mit-tip ta' talba).

**Id-drittijiet tal-uffiċjali ta' eżekuzzjoni** huma regolati mill-Att Nru 233/1995 dwar l-uffiċjal tal-qorti u l-attivitajiet tad-distrett. L-ammont jiġi ddeterminat bħala dritt tariffarju (dritt fiss jew dritt fuq il-bażi ta' perċentwali li jiddependi mis-suġġett tal-eżekuzzjoni) jew bħala dritt kuntrattwali.

**Id-drittijiet tal-avukati** huma regolati mid-Dekret ta' Implimentazzjoni Nru 655/2004 dwar id-drittijiet tal-avukati u l-kumpens għall-ġħoti ta' servizzi legali. L-ammont jiġi ddeterminat bħala dritt tariffarju (dritt fiss għal kull servizz legali pprovdut, li jiddependi mill-valur tat-talba jew mis-suġġett tagħha) jew bħala dritt kuntrattwali.

**Id-drittijiet tal-esperti** huma regolati mid-Dekret ta' Implimentazzjoni Nru 491/2004 dwar id-drittijiet u l-rifużjoni tal-ispejjeż u l-ħin mitluf għall-esperti, l-interpreti u t-tradutturi. L-ammont jiġi ddeterminat bħala dritt tariffarju (dritt fiss għal kull servizz, dritt fis-siegħa jew dritt fuq il-bażi ta' perċentwali, jiddependi mis-suġġett tas-servizzi tal-esperti) jew bħala dritt kuntrattwali.

**Il-kumpens tax-xhieda** huwa regolat mill-Att Nru 99/1963 **Il-Kodiċi** tal-Proċedura Ċivili u sussegwentement mid-Dekret ta' Implimentazzjoni Nru 543/2005 dwar l-amministrazzjoni u r-regoli tal-uffiċju tal-qrati tad-distrett, il-qrati reġjonali, il-Qorti Speċjali u l-Qrati tal-Militar, Att Nru 311/2001 **Il-Kodiċi dwar ix-Xogħol**, Att Nru 595/2003 dwar it-taxxa fuq id-dħul u l-Att Nru 663/2007 dwar il-paga minima. Il-qorti tiddeċiedi dwar ir-rifużjoni tal-ispejjeż neċessarji li wieheġ ikun ħareġ minn butu stess u l-kumpens għall-qligħ mitluf (skont ir-regoli stabbiliti fid-dekret ta' implimentazzjoni dwar l-amministrazzjoni u r-regoli tal-uffiċju).

**Id-drittijiet għat-traduzzjoni/l-interpretazzjoni** huma regolati mid-Dekret ta' Implimentazzjoni Nru 491/2004 dwar id-drittijiet u l-rifużjoni tal-ispejjeż u l-ħin mitluf għall-esperti, l-interpreti u t-tradutturi. L-ammont jiġi ddeterminat bħala dritt tariffarju (dritt fiss għal kull siegħa/paġna jiddependi mill-ilsna involuti, jew għal kull servizz ipprovdut mit-traduttur/mill-interpretu) jew bħala dritt kuntrattwali.

Għalhekk, fil-maġġoranza tal-proċedimenti ċivili potenzjali, huwa prattikament impossibbli li xi ħadd li ma jkunx professjonista fil-qasam tal-ġustizzja li jiddetermina l-ispejjeż globali effettivi antiċipati mingħajr parir professjonali.

Madanakollu, professjonista (speċjalment avukat) jista' jagħti pariri lil klijent b'mod iktar preċiż rigward id-diversi spejjeż li għandu jstenna matul il-proċedimenti, fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi tal-każ. Fejn ikun diffiċli li jiġi antiċipat ir-riżultat, l-avukat jista' anki jinforma lill-klijent dwar l-ispejjeż antiċipati assoċjati mad-diversi eżiti possibbli, li se jiddependu fl-aħħar mill-aħħar mill-kunsiderazzjoni u mid-deċiżjoni tal-qorti.

Id-diversi tipi ta' spejjeż li jista' jkun hemm fi proċedimenti ċivili jiġu rregolati minn regolamenti/l-iġijiet separati. Dawn jinkludu modi differenti kif jiġu kkalkulati d-drittijiet u jistgħu jiġu maqsuma f'żewġ kategoriji prinċipali: drittijiet tariffarji u drittijiet kuntrattwali.

**L-istadju tal-proċediment ċivili fejn iridu jiġihallu l-ispejjeż fissi għall-partijiet**

Skont l-Att Nru 71/1992 dwar id-drittijiet tal-qorti u l-kopji tal-entrati fir-rekords kriminali, kif emendat, id-dritt tal-qorti biss jiġihallas qabel ma' jibda s-smiġħ tal-kawża.

Tagħt l-Att Nru 99/1963 (Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), minbarra d-drittijiet tal-qorti, l-ispejjeż tal-proċedimenti ġeneralment jinkludu l-ispejjeż li jkunu ħarġu minn buthom stess il-partijiet u l-avukati tagħhom. Dawn jinkludu:

il-qligħ mitluf mill-partijiet u l-avukati tagħhom,

l-ispejjeż tal-preżentazzjoni tal-evidenza (inklużi d-drittijiet tal-esperti),

ir-remunerazzjoni tan-nutara għas-servizzi li jagħtu fir-rwol tagħhom ta' kummissarji ġudizzjarji u l-ispejjeż li joħroġu minn buthom,

ir-rimunerazzjoni għall-amministraturi/eżekuturi tal-wort u l-ispejjeż li jkunu ħarġu minn buthom,

id-drittijiet ta' traduzzjoni/interpretazzjoni,

ir-remunerazzjoni għar-rappreżentazzjoni – jekk parti tkun ir-rappreżentata minn avukat liċenzjat li jkun ir-reġistrat mal- **Kamra tal-Avukati Slovakka**.

Dawn l-ispejjeż ġeneralment jiġhallsu wara li l-qorti tkun qatgħet is-sentenza.

Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-proċedimenti ċivili jiddependu sa ċertu punt mill-kawża inkwistjoni u mid-diskrezzjoni tal-qorti (prinċipalment rigward l-għażla tal-evidenza u l-ammont ta' spejjeż li għandhom jiġu rrifondati lill-qorti jew lill-parti l-oħra). Għalhekk, huwa diffiċli li jiġu previsti l-ispejjeż reali qabel ma jsejtnu l-proċedimenti.

#### **Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali**

##### **Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali**

Il-qorti għandha d-diskrezzjoni biex tiddeċiedi dwar l-ispejjeż fi proċedura kriminali ladarba tingħata d-deċiżjoni finali.

##### **L-istadju tal-proċediment kriminali fejn iridu jiġhallsu l-ispejjeż fissi**

Kwalunkwe spiża fi proċedimenti kriminali tiġhallas wara li s-sentenza tkun finali, peress li parti minn din is-sentenza tkun id-deċiżjoni dwar ir-rifużjoni tal-ispejjeż tal-proċedimenti (l-Att Nru. 301/2005 **Il-Kodiċi tal- Proċedura Kriminali**).

#### **Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali**

##### **Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali**

Fi kwistjonijiet ta' rappreżentazzjoni quddiem il- **Qorti Kostituzzjonali Slovakka** li ma jistgħux jiġu espressi f'termini monetarji, ir-rata bażika tad-dritt tariffarju għal kull servizz legali individwali trid tkun ta' wieħed minn kull sitta tal-bażi tal-kalkolu (l-Artikolu 11 tad-Dekret ta' Implimentazzjoni Nru. 655/2004 dwar id-drittijiet u l-kumpensi tal-avukati għall-provvista ta' servizzi legali).

##### **L-istadju tal-proċediment kostituzzjonali fejn iridu jiġhallsu l-ispejjeż fissi**

Fil-proċedimenti kostituzzjonali tapplika sitwazzjoni simili għal dik li tapplika fil-proċedimenti ċivili u kriminali; Japplika l-Att Nru 99/1963 (Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

#### **Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn qabel mir-rappreżentanti legali**

##### **Drittijiet u obbligi tal-partijiet**

It-taqsima 18 tal-Att Nru 586/2003 dwar il-professjoni legali u l-Att ta' emenda Nru 455/1991 dwar is-snaġġa liċenzjati, kif emendat, jgħid hekk:

Meta jipprattika l-liġi, kull avukat huwa obligat li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-klijent, u jaġixxi skont l-istruzzjonijiet tal-klijent. Jekk l-istruzzjonijiet tal-klijent jiksru kwalunkwe leġislazzjoni ġenerali, l-avukat mhux marbut minnhom u jrid jinforma lill-klijent bil-kwistjoni b'mod xieraq.

Meta jipprattika l-liġi, l-avukat huwa obligat li jaġixxi b'mod ġust u onest u bl-attenzjoni professjonali dovuta. Huwa jrid juża b'mod konsistenti l-mezzi u l-għarfien ġuridiku disponibbli kollha biex jaqdi l-interess tal-klijent tiegħu bl-aħjar mod possibbli. L-avukat irid jiżgura ruħu li s-servizzi legali tiegħu jservu l-iskop mixtieq u qed jingħataw għal drittijiet raġjonevoli.

Meta jipprattika l-liġi, l-avukat irid dejjem jaġixxi skont id-dinjità tal-professjoni legali u ma jridx jagħti isem ħażin lill-professjoni legali. L-avukat għalhekk huwa obligat isegwi l-kodiċi ta' kondotta u r-regoli u r-regolamenti interni tal-Avukatatura.

##### **Sorsi tal-ispejjeż**

##### **B'liema ilsna nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fis-Slovakja?**

Il-liġijiet dwar l-ispejjeż huma ppubblikati fil-Kollezzjoni tal-Atti Leġislativi fil-Slovakja (taħt is-Sezzjoni 8 tal- **Att dwar il-Kunsill tar-Repubblika tal-Slovakja Nru 1/1993**).

##### **Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni hija rregolata mill-Att Nru 420/2004 dwar il- **medjazzjoni**.

##### **Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?**

##### **Sit elettroniku disponibbli dwar l-ispejjeż**

Informazzjoni dwar l-ispejjeż hija disponibbli fuq is-sit elettroniku **IGNUM** li għandu leġislazzjoni ta' applikazzjoni ġenerali, kif ukoll regoli u regolamenti Slovakki attwali u ta' qabel. Is-sit elettroniku huwa miżmum mill- **Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka**.

##### **Fejn nista' nsib informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju li jieħdu l-proċeduri differenti?**

Tista' ssib din l-informazzjoni fil-yearbook statistiku tal- **Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakka**.

##### **Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża medja aggregata għal proċedura partikolari?**

Huwa diffiċli li tiddetermina l-informazzjoni dwar l-ispejjeż u d-drittijiet medji minħabba li:

M'hemm l-ebda informazzjoni statistika ppubblikata.

Il-leġislazzjoni Slovakka rilevanti hija relattivament flessibbli u kważi dejjem tipprovdi l-possibbiltà li jiġi stipulat dritt/remunerazzjoni kuntrattwali - influwenzat mir-reġjun u r-reputazzjoni tad-ditta tal-avukati u persuni oħrajn li jipprovdu servizzi relatati mal-kawża. Barra minn hekk, u saħansitra iktar importanti, il-kawża stess u l-kumplessità tagħha, l-ammont ta' evidenza meħtieġ u t-tul ta' żmien li tiegħu għandhom impatt konsiderevoli.

Barra minn hekk, anki l-ammont tad-drittijiet tariffarji (li jistgħu jingħataw f'tmieni il-proċedimenti biss, fil-forma ta' spejjeż proċedurali, jiddependi mill-eżitu tal-kawża u mid-diskrezzjoni tal-qorti) huma marbut mal-kawża, man-numru ta' servizzi pprovduti u ma' diversi fatturi oħrajn. Peress illi mhux possibbli li jiġi determinat ix-xogħol medja rikjest minn kawża, mhix fattibbli li tiġi determinata l-ispiża medja tal-proċedimenti.

##### **Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

##### **Kif inhi pprovduta din l-informazzjoni?**

Jekk l-uffiċjal ta' eżekuzzjoni jkun ir-reġistrat bħala wieħed li jħallas il-VAT, il-VAT tiġi miżjuda mad-dħul u mal-ispejjeż ikkalkulati tiegħu (skont is-Sezzjoni 196 tal-Att Nru. 233/1995 dwar l-uffiċjali tal-qorti u l-attivitajiet ta' eżekuzzjoni).

Jekk l-avukat ikun ir-reġistrat bħala wieħed li jħallas il-VAT, id-dħul u l-ispejjeż tiegħu ikkalkulati skont dan ir-regolament se jinkludu l-VAT (l-Artikolu 18 (3) tad- **Dekret ta' Implimentazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 655/2004** dwar id-drittijiet u l-kumpensi tal-avukati għall-provvista ta' servizzi legali).

Jekk l-espert, l-interpretu jew it-traduttur ikun ir-reġistrat għall-VAT, id-drittijiet ikkalkulati jinkludu l-VAT (l-Artikolu 16 (2) tad- **Dekret ta' Implimentazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 491/2004** dwar ir-remunerazzjoni, ir-rifużjoni tal-ispejjeż u l-kumpensi għall-ħin mitluf għall-esperti, għall-interpreti u għat-traduttori).

##### **X'inhuma r-rati applikabbli?**

Il-VAT mhix applikabbli għad-drittijiet tal-qorti (Att Nru. 71/1992 dwar id-drittijiet tal-qorti u l-kopji tal-entrati mir-reġistru kriminali, kif emendat). Madankollu, tapplika għad-drittijiet tal-medjazzjoni, peress li l-prestazzjoni tal-attività ta' medjazzjoni hija attività kummerċjali, u għad-drittijiet ta' arbitraġġ bir-rata ta' 20%, sakemm il-persuna li tkun qed tiegħu l-ħlas tkun ir-reġistrata għall-VAT.

##### **Għajnuna Legali**

##### **Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili**

Dan il-limitu huwa regolat mis-Sezzjoni 4(i) tal-Att Nru 327/2005 dwar l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni fil-bżonn u l-Att ta' emenda Nru 586/2003 dwar il-professjoni legali u l-Att ta' emenda Nru 455/1991 dwar is-snaġġa liċenzjati (l-Att dwar il-Kummerċ), kif emendat, kif emendat mill-Att Nru 8/2005.

Il-parti rilevanti tgħid hekk: "Persuna naturali titqies li qiegħda fil-bżonn jekk hija tirċievi allowances jew benefiċċji minħabba li tkun fil-bżonn, 1e) jew jekk id-dħul tagħha huwa indaq jew inqas minn 1.6 il-darba l-ammont tal-paga minima 2) u jekk il-persuna naturali ma jkollix biex tħallas għas-servizzi legali". (EUR 311.30)

## Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-akkużati

Il-limitu tad-dħul għall-akkużati li jixtiequ jkunu assistiti minn rappreżentant legali *ex officio* fil-qasam tal-ġustizzja kriminali mhux stabbilit. Il- **Kodiċi tal-Proċedura Kriminali** (l-Artikoli 37 u 38) jipprovdi għaċ-ċirkustanzi fejn id-difiża tkun obbligatorja:

L-akkużat irid ikollu avukat waqt il-proċedimenti ta' qabel il-proċess jekk huwa:

jerġa' jintbagħat il-ħabs, qed iservi sentenza ta' ħabs jew qed jinżamm għal osservazzjoni f'istituzzjoni medika, m'għandux il-kapaċità legali jew hija ristretta, huwa akkużat b'reat serju ħafna, minorenni, qed jaħrab mill-prosekuzzjoni.

Avukat tad-difiża huwa obbligatorju wkoll jekk il-qorti, jew il-prosekutur jew l-uffiċjal tal-pulizija fil-proċedimenti qabel il-proċess iqisu li hija neċessarja għaliex għandhom dubji dwar jekk l-akkużat hux kapaċi jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq.

Avukat tad-difiża huwa obbligatorju anki fi proċedimenti ta' estradizzjoni u fi proċedimenti li jinvolvu l-impożizzjoni ta' trattament protettiv, ħlief għal trattament minħabba abbuż mill-alkoħol.

L-Artikolu 38 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi li:

Avukat tad-difiża huwa obbligatorju fi proċedimenti ta' infurzar fejn il-qorti tiddeċiedi f'seduta miftuħa għall-pubbliku, jekk l-akkużat: m'għandux il-kapaċità legali jew hija ristretta,

huwiex minorenni li ngħata l-libertà kondizzjonali li, fi żmien tas-seduta miftuħa għall-pubbliku, kellu inqas minn 18-il sena, jintbagħatx lura l-ħabs,

hemmx dubji dwar jekk hux kapaċi jiddefendu lilu nnifsu b'mod xieraq.

L-akkużat irid ikollu avukat difensur fi proċedimenti b'rimedji straordinarji jekk:

huma nvoluti każijiet ta' Sezżjoni 37 (1) (a) (b) jew (c)

minorenni - fi żmien is-seduta tal-qorti miftuħa għall-pubbliku dwar ir-rimedju straordinarju - għandu inqas minn 18-il sena,

hemm dubji dwar jekk hux kapaċi jiddefendu lilu nnifsu b'mod xieraq.

il-proċedimenti jitmexxew kontra akkużat wara mewtha.

## Limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Skont l-Artikolu 558 (1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, il-qorti tiddeċiedi dwar ir-rifużjoni tal-ispejjeż għall-parti leża wara li s-sentenza tidħol fis-seħħ.

## Kundizzjonijiet oħrajn sabiex tingħata l-għajjuna legali lill-vittmi

Il-kundizzjonijiet kollha huma rregolati mill-Att Nru. 301/2005 - il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

## Proċedimenti tal-qorti mingħajr spejjeż

Hemm **żewġ tipi ta' eżenzjonijiet mid-drittijiet tal-Qorti** (Sezżjoni 4 tal-Att tal-Kunsill Nazzjonali Slovakk Nru 71/1992 dwar id-drittijiet tal-Qorti u l-kopji mill-entrati fir-reġistru kriminali, kif emendat). L-eżenzjonijiet mid-drittijiet tal-qorti japplikaw għal:

tipi speċifiċi ta' proċedimenti (kura ta' minorenni, nuqqas ta' attivitá jew interferenza illegali tal-entitajiet amministrattivi, dmir reċiproku ta' manteniment bejn il-ġenituri u t-fal), jew

tipi speċifiċi ta' persuni (ir-rikorrent fi proċedimenti għal kumpens għal ġrieħi kaġunati minn inċident jew marda fuq il-post tax-xogħol; proċedimenti li jiddikjara it-terminazzjoni tal-impjeg bħala illegali, eċċ). Jekk il-qorti tiddeċiedi favur it-talba, il-konvenut ikun obligat iħallas id-dritt rispettiv tal-qorti jew parti minnu deċiża mill-qorti, sakemm il-konvenut ma jkunx ukoll eżentat mid-dritt.

Skont is-Sezżjoni 138 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti għandha diskrezzjoni wkoll li tagħti eżenzjoni sħiħa jew parzjali lill parti minnhom jekk hija ġġustifikata mis-sitwazzjoni tal-parti, u sakemm it-talba mhix frivola u sakemm il-parti mhix tuża' jew tiddefendi dritt li b'mod ħar m'għandux tama li jirnexxi. Madankollu, il-qorti tista' tirtira l-eżenzjoni mogħtija fi kwalunkwe ħin waqt il-proċedimenti.

Skont l-Att Nru. 327/2005 dwar l-għoti tal-għajjuna legali lill persuni li m'għandhomx il-mezzi biex iħallsu (jew l-Att dwar l-għajjuna legali), **għajjuna legali** tfisser l-għoti ta' servizzi legali lill persuna intitolata għal assistenza fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha, prinċipalment fil-forma ta':

pariri legali,

assistenza bi proċedimenti barra mill-qorti,

it-tfassil ta' sottomissjonijiet lill-qorti,

rappreżentazzjoni fi proċedimenti tal-qorti,

il-prestazzjoni tal-atti relatati, kif ukoll

il-ħlas sħiħ jew parzjali tal-ispejjeż assoċjati.

Minkejja dan, fejn il-persuna kkonċernata tissodisfa r-rekwiżiti għall-għoti tal-għajjuna legali, bil-wisq probabbli tkun ukoll eżentata mill-ħlas tal-ispejjeż tal-proċedimenti (inklużi d-drittijiet tal-qorti). M'hemmx l-ebda dispożizzjoni espliċita li tipprovdi li persuna intitolata għall-għajjuna legali tkun eżentata wkoll mid-drittijiet tal-qorti. Madankollu, huwa ferm probabbli li l-qorti tagħti tali eżenzjoni.

## Meta għandha l-parti li tiffet tħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ?

## Proċedimenti ċivili: skont l-Artikolu 142 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

Jistgħu jsiru talbiet lill-qorti kompetenti għall-eżenzjoni sħiħa jew parzjali mid-drittijiet tal-qorti. Il-qorti tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tagħti rifużjoni lill-parti li rebbehet il-kawża l-ispejjeż neċessarji li ħallset matul il-proċedimenti (inkluż id-drittijiet tal-qorti). **Fil-każ ta' rebħa parzjali**, il-qorti se tagħti lura parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti lill kull waħda mill-partijiet, u tista' tiddikjara wkoll li l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha d-dritt li tingħata lura l-ispejjeż tal-proċedimenti. Madankollu, l-qorti tista' tagħti lura lill-parti li tkun rebbehet il-kawża parzjalment rifużjoni sħiħa tal-ispejjeż tal-proċedimenti jekk id-deċiżjoni dwar l-ammont tal-pagamenti li jridu jsiru minn din il-parti kienux jiddependu fuq opinjoni ta' espert jew id-diskrezzjoni tal-qorti, jew jekk in-nuqqas ta' suċċess fil-kawża kienx dovut għal parti pjuttost irrilevanti tal-proċedimenti.

## Proċedimenti kriminali: skont l-Artikolu 557 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali

Jekk **tal-inqas parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti jingħataw lill-vittma**, l-akkużat huwa obligat li jirrifonda lill-vittma l-ispejjeż neċessarji li kellha tħallas minħabba l-proċedimenti, inklużi l-ispejjeż tal-avukati meta d-difiża hija obbligatorja.

**Anki jekk il-vittma ma tkunx ingħatat l-ispejjeż imsemmija hawn fuq**, il-qorti tista' tagħti lura l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti jew parti minnhom lill-vittma, wara t-talba tal-vittma u meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-każ.

## Ir-Regolament tal-Ministeru tal-Ġustizzja

Id-Dekret ta' Implimentazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja Nru 491/2004 dwar id-drittijiet u l-kumpens tal-ispejjeż u l-ħin mitluf għall-esperti, l-interpreti u t-tradutturi jistabbilixxi l-ammonti tad-drittijiet tal-esperti. Il-lista tal-esperti, ġestita mill- **Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakk**, hija aċċessibbli għall-pubbliku mis-sit elettroniku tiegħu. Espert jitniżzeġ fir-reġistru meta l-applikant ikun issodisfa r-rekwiżiti kollha (skont id-dekret ta' implimentazzjoni dwar id-drittijiet għall-esperti, għall-interpreti u għat-tradutturi).

Id-dritt tal-espert **irid jiġi ddeterminat bi ftehim bejn l-espert u l-klijent** (dritt kuntrattwali). Jekk il-partijiet ma jirnexx ilhomx jilhqqu ftehim, iridu jintużaw id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar ir-rati tat-tariffi.

Għandu jiġi nnotat li l-VAT tapplika biss għad-dritt kuntrattwali u t-traduttur/l-intepretu ikun irreġistrat li jħallas il-VAT.

Id-drittijiet tariffarji jiġu ddeterminati fuq il-bażi ta':

in--numru ta' sigħat,

bħala perċentwali tal-valur inizjali tal-ammont soġġett tal-kwistjoni,

bħala rata fissa ibbażat fuq l-ammont in kwistjoni u n-numru ta' servizzi mogħtija.

#### **Studji ta' każijiet tal-Islovakkja**

Tista' ssib informazzjoni iktar speċifika dwar l-ispejjeż tal-proċedimenti fis-Slovakkja permezz ta' xi studji ta' każijiet konkreti.

#### **Annessi relatati**

[Ir-rapport tal-Islovakkja dwar l-Istudju fuq it-Trasparenza tal-Ispejjeż](#)  (872 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 27/02/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.